MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 981/2002

**Dr. Reuben Balzan LLD bhala prokuratur ta' Evonne Krpo u Adnan Krpo.**

**-vs-**

**Frances Borg u Adel Abwain.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-30 ta' Gunju 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi Evonne Krpo u Adnan Krpo jinsabu kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' hamest elef u hames mitt Liri Maltin

(Lm5,500), import ta' kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "25".

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundannahom li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltija (Lm5,500), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-14 ta' Novembru 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi l-ammont reklamat m'huwiex dovut stante illi l-kambjali gew iffirmati rizultat ta' theddid, pressjoni, qerq u ingann u ghalhekk huma nulli u bla effett.

2. Illi qieghda tigi intavolata kontro-ralba f'dan ir-rigward sabiex tigi attakkata l-validita' ta' dawn il-kambjali.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti Frances Borg u Adel Abwain:

Illi l-partijiet kienu hbieb kif ukoll kugini u Evonne Krpo hija kugina ma’ Frances Borg;

Illi meta Evonne Krpo giet Malta mill-Awstralja qadghet mall-familja ta’ Frances Borg u stmawha bhala familja;

Illi l-partijiet bdew negozju flimkien dan sabiex l-istess Evonne Krpo tkun tista’ toqghod Malta;

Illi Frances Borg ottjeniet self mill-bank sabiex tkontribwixxi sehema fin-negozju waqt li Evonne Krpo investiet hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500);

Illi meta n-negozju beda sejjer hazin l-istess Evonne Krpo bdiet tinsisti illi tiehu lura l-flus li investiet u peress li ntaqghat ma’ ragel li wara zewgitu u riedet tmur lura l-Awstralja;

Illi wara diversi theddid, presjoni ingusta da parte ta’ Evonne Krpo u Adnan Krpo, Frances Borg u Adel Abwain kellhom bil-fors jiffirmaw dawn il-kambjali;

Illi hekk kif gew iffirmati dawn il-kambjali l-istess Evonne u Adnan telqu lejn l-Awstralja wara li izzewgu Malta u l-anqas hallsu l-kont tat-tieg.

Ghaldaqstant jghidu Dr. Reuben Balzan bhala prokuratur ta’ Evonne Krpo u Adnan Krpo ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi dawn il-kambjali huma nulli u bla effett minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija fosthom theddid, qerq, ingann u pressjoni ingusta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur nomine ghall-kontro-talba tal-konvenuti:

1. Illi fl-ewwel lok, l-eccezzjoni u l-kontro-talba maghmula mill-konvenuti jinhtiegu ezami fit-tul u ghalhekk ma jistghux jigu decizi f'din il-procedura izda ghandhom isiru f'kawza ghalihom kif stabbilit fl-artikolu 198(2) tal-Kodici tal-Kummerc;

2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent nomine qed jichad l-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenuti illi l-kambjali gew iffirmati rizultat ta' theddid, pressjoni qerq u ingann u li l-istess kambjali huma nulli;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa minn Dr. Reuben Balzan u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-atturi.

Rat l-atti processwali kompriz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur qed jeccepixxi li l-kontro-talba in kwistjoni ma tistax tigi proposta minhabba li din hija azzjoni kambjarja u kwindi ladarba l-kontro-talba qed tattakka l-validita' tal-kambjala mhux fuq il-forma taghha, l-azzjoni kontro-proposta ma tistax issir fl-istess proceduri li fihom qed jintalab il-hlas tal-kambjali.

L-artikolu 396 tal-Kap 12 li jirregola l-istitut tal-kontro-talba jghid li din tista' ssir;

*Meta l-kontro talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu minnu tkun gejja t-talba tal-attur.*

Fil-fehma tal-Qorti l-artiklu hu wiesgha bizzejjed biex jinkludi l-kontro-talba in kwistjoni ghaliex ma hemm ebda dubbju li l-konvenut qed jattakka t-titolu li ghandu f'idejh l-attur. Ghalhekk *per se* il-kontro-talba tista' tigi proposta.

Madankollu kif sewwa irrimarka l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc jaghmilha cara li l-eccezjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala *ma jistghux idewmu l-hlas taghha.* Fil-fatt is-Sub-Artikolu (2) tal-istess Artikolu jippreciza li *jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jehtiegu esami fit-tul is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha u sadattant il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala … ma ghandhiex tkun imdewwma.*

Il-Qorti ghalhekk thoss li fil-waqt li hija marbuta li tisma' l-kontro-talba ghaliex ma hemm xejn li jimpediha, ma tistax ma tiddeciedix il-kawza speditament kemm tista ai termini tal-azzjoni kambjarja. F' dawn ic-cirkostanzi ma hemm ebda hsara ghall-partijiet jekk il-Qorti l-ewwel tiddeciedi dwar it-talba tal-attur wara li tkun irrestringiet il-provi dwar l-istess u wara li tkun ghamlet dan tiddeciedi dwar il-kontro-talba.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-attur u tordna li l-kawza tigi differita ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-azzjoni attrici.**

**Spejjes ta' din l-istanza bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------